Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,926, 20 ta' Settembru, 2022
Taqsima B

A.L. 240 tal-2022

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2022 dwar ir-Riserva Naturali tal-Ponta tal-Qawra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 dwar ir-Riserva Naturali tal-Ponta tal-Qawra.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent; Kap. 549.

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif imwaqqfa bl-artikolu 6 tal-Att;

"eżemplari" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; L.S. 549.44.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"Riserva Naturali" tfisser is-sit tal-Ponta tal-Qawra kif delineata fil-mappa fl-Iskeda I;

"vettura" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. L.S. 65.11.

Amministrazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

3. L-awtorità kompetenti u l-Pulizija għandhom ikunu responsabbli għall-amministrazzjoni, l-implimentazzjoni, l-assigurazzjoni tal-konformità u l-infurzar ta' dawn ir-regolamenti.

Twaqqif tar-Riserva Naturali.

4. (1) Il-Ministru b'dan jiddikjara l-Ponta tal-Qawra kif delineata fl-Iskeda I bħala Riserva Naturali.

(2) Ir-Riserva Naturali għandha tibqa' mħarsa minkejja kull ċirkostanza, intiża jew aċċidentali, li biha r-Riserva Naturali jew l-inħawi tagħha, jew parti minnha, tkun ġiet meqruda jew saritilha l-ħsara sakemm, mhux ippubblikat mod ieħor mill-awtorità kompetenti.

Projbizzjonijiet.

5. (1) L-ebda persuna ma għandha taċċessa r-Riserva Naturali b'vettura, sakemm ma jkollhiex fil-pussess tagħha permess mogħti minn qabel mill-awtorità kompetenti.

(2) L-ebda persuna ma għandha:

(a) taqbad, tikkaċċja, tiġbor, tonsob, taqta', taqla', toqtol, tiddistruġġi, tagħmel ħsara, toħloq impatti negattivi, tiddisturba, iżżomm fil-magħluq, tbiegħ, toffri għall-bejgħ jew tpartat speċi jew eżemplari ta' flora u fawna mir-Riserva Naturali;

(b) tirrilaxxa jew tipprova tirrilaxxa, iżżomm u, jew b'xi mod intenzjonalment tassisti t-twaqqif jew it-twaqqif potenzjali ta' speċi li mhumiex indiġeni għar-Riserva Naturali, jew tippermetti li dawn l-ispeċi jaħarbu ġewwa tali sit;

(ċ) twettaq attività jew intervent li jagħmel ħsara jew li jista' jkollu impatt negattiv fuq il-bijodiversità, ġeoloġija, karatteristiċi ġeomorfoloġiċi, integrità jew il-pajsaġġ tar-Riserva Naturali, jew parti minnhom;

(d) tpoġġi kwalunkwe materjal ta' kostruzzjoni jew struttura, taffettwa kwalunkwe modifika fiżika fil-pajsaġġ naturali għal kwalunkwe skop inkluż, sabiex jiffaċilita l-irmiġġ jew l-aċċess, jew twaħħil ta' tagħmir permanenti fir-Riserva Naturali;

(e) tarmi, tferra', titfa', tpoġġi jew tordom kwalunkwe sustanza kimika, skart, żibel, terrapien jew kwalunkwe forma oħra ta' skart fir-Riserva Naturali;

(f) tikkawża jew tippermetti mużika b'volum għoli, storbju eċċessiv jew dawl żejjed fir-Riserva Naturali;

(g) tqabbad nar miftuħ fir-Riserva Naturali; jew

(h) topera kwalunkwe attività kummerċjali fir-Riserva Naturali jew tpoġġi kwalunkwe faċilità anċillari għal dak l-iskop,

sakemm ma jkollhiex fil-pussess tagħha permess minn qabel mill-awtorità kompetenti.

(3) Dan ir-regolament ma għandux japplika f'każijiet ta' difiża u sigurtà nazzjonali, sigurtà u saħħa pubblika, ħarsien ta' wirt kulturali, operazzjonijiet ta' salvataġġ u l-investigazzjoni ta' reati.

Permessi.

6. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti tista' tagħti, jew tagħti parzjalment,

permess għal kwalunkwe attività jew operazzjoni regolata permezz ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Permessi għall-isfruttament ta' speċi ta' flora u fawna fir-Riserva Naturali għandhom jingħataw biss għal:

(a) studji xjentifiċi *bona fide;* jew

(b) operazzjonijiet ta' mmaniġġjar u monitoraġġ tar-Riserva Naturali skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali u operazzjonijiet oħra indikati bħala essenzjali mill-awtorità kompetenti għall-immaniġġjar tas-sit. L.S. 549.44.

Kriterji ta' applikazzjoni u dispożizzjonijiet supplimentari.

7. (1) Kwalunkwe persuna li teħtieġ permess għandha tissottometti applikazzjoni bil-miktub lill-awtorità kompetenti qabel it-twettiq tal-attivitajiet stipulati f'dawn ir-regolamenti.

(2) L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata bid-dokumenti rilevanti u kwalunkwe rekwiżit ieħor kif speċifikat u meħtieġ mill-awtorità kompetenti.

(3) Kull meta l-awtorità kompetenti tagħti, jew parzjalment tagħti permess hija tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet kif jista' jidhrilha xieraq u adattat.

(4) Il-perjodu ta' validità ta' dawn il-permessi għandu wkoll ikun stabbilit mill-awtorità kompetenti sakemm il-validità tal-permess ma teċċedix sena (1) kalendarja.

(5) L-awtorità kompetenti tista' temenda, tvarja, tissospendi jew tirrevoka kwalunkwe permess dment li tagħti raġunijiet lill-applikant għad-deċiżjoni tagħha.

(6) Bla ħsara għal kwalunkwe obbligu u kondizzjoni oħra stabbiliti mill-awtorità kompetenti, id-detentur ta' permess huwa obbligat li jissottometti dan li ġej fi żmien xahar (1) mill-iskadenza tal-permess jew fit-tmiem tas-sena kalendarja, skont liema tiġi l-ewwel:

(a) rapport dettaljat tal-attivitajiet imwettqa;

(b) l-għan u liema qasam ta' xogħol jew attività ġew imwettqa;

(ċ) il-metodoloġija użata; u

(d) l-eżitu u r-riżultati miksuba b'rabta mal-permess.

(7) Kopja ta' kwalunkwe riżultati ppubblikati u

pubblikazzjonijiet oħra rilevanti għal dan il-permess għandhom jaslu għand l-awtorità kompetenti fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni.

(8) L-awtorità kompetenti tista', f'każijiet ta' emerġenza jew periklu gravi, toħroġ permess ta' emerġenza għal kwalunkwe mill-attivitajiet msemmija fir-regolamenti 5 u 6 u meta tagħmel hekk tista' toħroġ dawk id-direttivi kif meqjusa xieraq.

Persuna fuq is-sit għandu jkollha fil-pussess tagħha kopja tal-permess.

8. Matul it-twettiq tal-attività jew operazzjoni permessa, kwalunkwe persuna li tkun fuq is-sit b'rabta ma' dik l-attività jew operazzjoni għandu jkollha fil-pussess tagħha kopja tal-permess. Dan il-permess għandu jintwera fuq talba lil kwalunkwe uffiċjal tal-awtorità kompetenti u lil kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar tal-liġi debitament awtorizzat.

Reati u pieni.

9. (1) Kwalunkwe persuna li, volontarjament jew permezz ta' imprudenza, negliġenza jew inkompetenza:

(a) tonqos milli tosserva kwalunkwe kondizzjoni ta' permess mogħti skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(b) tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew, kwalunkwe ordni oħra legalment mogħtija skont kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) tikser kwalunkwe restrizzjoni, projbizzjoni, ordni jew rekwiżit li joħroġ minn dawn ir-regolamenti;

(d) taġixxi b'kontravvenzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(e) tikkonfoffa ma', tgħin, tħajjar, tagħti parir, tinstiga, tipprokura jew konxjament tippermetti lil xi persuna oħra tikser jew tonqos milli tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew ta' kwalunkwe restrizzjoni, ordni, projbizzjoni jew rekwiżit impost minn jew skont dawn ir-regolamenti;

(f) tipprova tagħmel xi waħda minn dawk l-azzjonijiet indikati fil-paragrafi (a) sa (e); jew

(g) tagħmel stqarrija jew tissottometti informazzjoni jew dokumentazzjoni, li l-persuna tkun taf li hija falza bil-għan li tikseb l-approvazzjoni ta' permess skont dawn ir-regolamenti,

għandha tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

(2) Kwalunkwe persuna li twettaq jew tipprova twettaq reat kontra r-regolament 5(2)(a) għandha teħel:

(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux inqas minn seba' mija u ħamsin euro (€750) għal kull eżemplari, iżda li ma teċċedix ħamest elef euro (€5,000) għal kull eżemplari;

(b) fil-każ tat-tieni reat jew reati sussegwenti, multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) għal kull eżemplari, iżda li ma teċċedix għaxart elef euro (€10,000) għal kull eżemplari, jew priġunerija għal żmien li ma jeċċedix sentejn (2), jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

(3) Kwalunkwe persuna li twettaq, jew tipprova twettaq reat li mhuwiex imsemmi fid-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), għandha teħel meta tinstab ħatja:

(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa kif indikat fl-Iskeda II;

(b) fil-każ tat-tieni reat jew reati sussegwenti, multa kif indikat fl-Iskeda II, jew priġunerija għal perjodu li ma jeċċedix sentejn (2), jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien:

Iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, waqt li tkun qiegħda tiddetermina l-gravità tar-reat, il-Qorti tista' tqis, fost l-oħrajn, il-fatturi li ġejjin:

(i) il-ħsara possibbli lil kwalunkwe ambjent naturali jew speċi tar-Riserva Naturali konċernata b'konsegwenza tar-reat;

(ii) il-valur intrinsiku jew il-benefiċċji soċjo-ekonomiċi ta' kwalunkwe ambjenti naturali u flora u fawna selvaġġa fir-Riserva Naturali;

(iii) il-ħsara possibbli kkawżata bl-introduzzjoni ta' speċi li mhumiex indiġeni għar-Riserva Naturali;

(iv) il-ħsara possibbli kkawżata mill-aċċess b'vettura mhux awtorizzata għar-Riserva Naturali;


(v) l-impatt tar-reat fuq il-pubbliku ġenerali minħabba n-natura tal-post, speċi jew ambjent naturali affettwat jew kwalunkwe kunsiderazzjoni simili oħra inerenti għan-natura tar-reat;

(vi) l-interess pubbliku; u

(vii) il-valur potenzjali tal-qligħ illegali.

Kap. 9. (4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċeduri fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika miż-żamma jew il-kisba ta' permess jew awtorizzazzjoni fl-ebda każ ma għandha tkun għal inqas minn sena (1).

SKEDA I
Ir-Riserva Naturali tal-Ponta tal-Qawra



SKEDA II
Multi Applikabbli
(regolament 9)

Multi applikabbli għal reati skont ir-regolament 9(3):

Reat bi ksur ta':	MULTA APPLIKABBLI (€)			
	L-ewwel reat		It-tieni reat jew reat sussegwenti	
	Minimu	Massimu	Minimu	Massimu
Regolament 5(1) u 5(2)(f)	750	15,000	1,500	30,000
Regolament 5(2)(e) u 5(2)(g)	1,000	20,000	2,000	40,000
Regolament 5(2)(b), 5(2)(ċ), 5(2)(d) u 5(2)(h)	1,500	25,000	3,000	50,000
Reati oħrajn ħlief dawk fir-regolament 5	750	15,000	1,500	30,000